## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **304/2023 AD**

## JOSEPHINE APAP (KI 218776M)

**VS**

## KENNETH BORG (KI 153474M) U
## FRANCES XAVERIA BORG (KI 294474M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, għoxrin (20) t'Ottubru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza preliminari **limitatament** rigward l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati Kenneth Borg u Frances Xaveria Borg, illi l-azzjoni attriċi hija *res judicata*;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B'rikors datat tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2023, ir-rikorrenti ppremettiet illi hija l-proprjetarja tal-fond, ossia garaxx bin-numru 14, Plot 22, Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta, Birkirkara, illi jinsab sottopost għall-proprjeta' tal-intimati, u cioe *maisonette* bin-numru 55, Triq Jannara, Birkirkara. Fix-xahar ta' Jannar 2019, hija nnotat illi s-saqaf tal-garaxx tagħha kien qiegħed iġarrab ħsara estensiva minħabba perkolazzjoni kontinwa tal-ilma. Għaldaqstant inkarigat lilll-Perit Therese Anne Camilleri sabiex taċċedi fil-fond tar-rikorrenti, bil-konsegwenza illi r-rikorrenti nkorriet diversi spejjeż relatati ma' spezzjonijiet illi saru fil-fond mill-istess Perit, fl-ammont globali ta' sitt mija u tnejn u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€632.48), illi minnhom tliet mija u sitt Ewro u tmenin ċenteżmu (€306.80) tħallsu mill-intimati fuq ordni tat-Tribunal għat-Talbiet Żgħar;

3. Ġie premess ukoll illi l-Perit ikkonkludiet illi l-ħsara illi qed iġġarrab ir-rikorrenti fil-fond proprjeta' tagħha huwa riżultat ta' dħul tal-ilma. Madanakollu, ir-rikorrenti ssostni illi għalkemm interpellat lill-intimati diversi drabi sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni u sabiex jagħmlu x-xogħlijiet rimedjali neċessarji, huma baqgħu inadempjenti. Fl-24 ta' Lulju 2020, hija intavolat proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, illi ġew konklużi b'sentenza tal-15 ta' Settembru 2021, permezz ta' liema sentenza t-Tribunal innota illi l-Perit kienet ikkonkludiet b'ċertezzza dwar l-imkejjen li minnhom kien dieħel l-ilma. It-Tribunal spjega illi huwa m'għandux il-kompetenza sabiex jordna lill-konvenuti jagħmlu x-xogħol huma, u lanqas kellu l-kompetenza sabiex jawtorizza lill-attriċi tagħmel ix-xogħlijiet hi fil-każ li ma jagħmluhx il-konvenuti, u għalhekk laqa' parzjalment it-talbiet tar-rikorrenti u ordna lill-konvenuti jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tmien mija u sitt Ewro u tmenin ċenteżmu (€806.80), bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, liema somma kienet tinkludi s-somma ta' tliet mija u sitt Ewro u tmenin ċenteżmu (€306.80) rappreżentanti ħlas tal-ewwel kont tal-Perit;

4. Madanakollu, l-intimati baqgħu ma wettqu qatt ix-xogħol rimedjali, b'dana illi l-garaxx tar-rikorrenti għadu jġarrab il-ħsarat a kaġun tal-perkolazzjoni tal-ilma. Għaldaqstant, ir-rikorrenti intavolat l-kawża odjerna illi permezz tagħha qiegħda titlob lil din il-Qorti:

   i. Tiddikjara illi l-ħsara li rriżultat fil-fond proprjeta' tar-rikorrenti, u cioe fis-saqaf tal-garage li għandu n-numru 14, plot 22, Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta, f'Birkirkara, hija konsegwenza ta' perkolazzjoni u ingress ta' ilma mill-proprjeta' tal-konvenuti intimati għal ġewwa dan l-istess garage;

   ii. Tordna lill-intimati sabiex iwettqu x-xogħlijiet rimedjali kollha meħtieġa fil-proprjeta' tagħhom sabiex tiġi eliminata l-problema ta' perkolazzjoni u ingress ta' ilma għal ġewwa l-fond tar-rikorrenti, u dan fi żmien perentorju li jiġi stabbilit minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u dan a spejjeż tal-intimati;

   iii. Tordna lill-intimati sabiex iwettqu x-xogħlijiet meħtieġa sabiex tiġi rimedjata l-ħsara li rriżultat fis-saqaf tal-garaxx proprjeta' tar-rikorrenti, u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u dan ukoll a spejjeż tal-intimati;

   iv. Tordna lill-intimati sabiex iħallsu l-ispejjeż relatati mal-ispezzjoni tal-imsemmi garaxx mill-Perit Therese Anne Camilleri fl-ammont ta' tliet mija u ħamsa u għoxrin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€325.68);

   v. Tordna illi f'każ li l-intimati jonqsu milli jwettqu x-xogħlijiet meħtieġa entro t-terminu mogħti lilhom, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex twettaq tali xogħlijiet hi a spejjeż tal-inimati, u dan dejjem taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi;

   Bl-ispejjeż kontra l-intimati;

5. Mill-banda l-oħra, permezz ta' risposta ġuramentata datata sebgħa u għoxrin (27) t'April 2023, l-intimati oġġezzjonaw għat-talbiet rikorrenti billi ssollevaw numru ta' eċċezzjonijiet preliminari u fil-mertu, fosthom l-ewwel eċċezzjoni preliminari kif isegwi:

> *Illi in linea preliminari, l-intimati jeċċepixxu r-res judicata stante sentenza mogħtija fl-istess ismijiet mit-Tribunal għat-Talbiet Żgħar mogħtija fil-15/09/2021 mill-Ġudikatur Dr Claudio Zammit;*

6. Waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Mejju 2023, ġie deċiż illi din il-Qorti kienet ser tisma' provi u trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati qabel tidħol fil-mertu tal-każ odjern.

**Il-Qorti**

7. Wara illi rat l-atti kollha preżentati mill-partijiet;

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom, datata ħdax (11) t'Awwissu 2023;

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi dwar l-istess eċċezzjoni preliminari, datata sebgħa (7) ta' Settembru 2023;

10. Rat illi waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Ġunju 2023 il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari ta' *res judicata*, sollevata mill-intimati fir-risposta ġuramentata tagħhom;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

12. Il-prinċipji illi fuqhom jiġi determinat jekk għandhiex tintlaqa' eċċezzjoni ta' *res judicata* ġew żviluppati mill-Qorti nostrana matul is-snin, sabiex illum-il

ġurnata, għandna set ta' prinċipji illi fuqhom tista' din il-Qorti timxi sabiex tiddetermina jekk effettivament il-kawża illi fiha tiġi sollevata l-eċċezzjoni tal-ġudikat tibqax tinstema' fil-mertu jew le. Ġie stabbilit fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia***[1]:

> *Illi biex ikun hemm il-ġudikat, jeħtieġ il-konkors ta' tliet elementi, cjoe l-istess persuni, l-istess oġġett u l-istess kawżali, cjoe li s-sentenza ta' qabel kienet ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni, fuq l-istess oġġett u għall-istess kawżali ("eadem personae, eadem res, eadem causa petendi"), bħal fil-kawża l-ġdida.*

13. Dawn it-tliet elementi għandhom jissussistu <u>b'mod kumulattiv</u>, u cioe n-nuqqas ta' wieħed minn dawn it-tliet elementi jirrendi l-eċċezzjoni ta' ġudikat bħala waħda illi għandha tiġi respinta. Dan fit-termini tal-massimu legali *nisi omnia concurrunt, alia res est*.[2] Difatti, fil-kawża fl-ismijiet ***Debattista et vs Farrugia*** suċitata, kien nieqes l-element ta' *eadem personae*, u din il-Qorti kif diversement presjeduta għaddiet sabiex tiċħad l-eċċezzjoni tal-ġudikat sollevata mill-konvenut a bażi tal-fatt illi kien nieqes wieħed mit-tliet elementi suriferiti, mingħajr ma għamlet indaġini dwar jekk kinux jissussistu ż-żewġ elementi l-oħra jew le;

14. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri), fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Sharon Zahra vs Stefan Zahra***[3]:

> *L-iskop tal-prinċipju tar-**res iudicata** hu evidenti u cioe' li l-leġislatur ħass li ma jistax ikun hemm stat ta' inċertezza indefinita fejn jidħlu kwistjonijiet ta' drittijiet akkwiżiti wara proċess ġudizzjarju. Il-ġurisprudenza tagħna hija għanja*

---

[1] Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Dr J Caruana Colombo, 13 ta' Frar 1958 (in ġudikat)
[2] Vide, *inter alia*, Rik Ġur 351/2014, ***Jet Services Ltd vs John Abela Ltd et***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ R G Mangion, 27 ta' Frar 2020 (in ġudikat), u Rik Ġur 112/2018, ***Mary Rose mart Anthony Zammit et vs Emmanuel Cremona et***, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), Maġ Dr B Sultana, 16 ta' Diċembru 2021 (in ġudikat)
[3] Ċit Nru 192/2014 AF, Qorti tal-Appell (Superjuri), 29 ta' Jannar 2016

*f'dan ir-rigward u per eżempju il-Qorti qed tiċċita l-kawża* **Salv Meli and Sons v. Burdnara Group** *(Prim'Awla, 27 ta' April 2009) u speċjalment* **Bugeja v. Azzopardi** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ġunju 2001 li tiċċita diversi sentenzi oħra. Fost affarijiet oħra per eżempju f'din l-aħħar sentenza, il-Qorti qalet:*

> *"L-ebda disposizzjoni fil-liġi tagħna ma tagħti lok li titressaq ċitazzjoni sabiex sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tiġi dikjarata nulla u bla effett u l-Qorti tieqaf hemm. Għalhekk din il-Qorti mhiex se tisma' l-provi dwar x'kienet il-proċedura segwita f'kawża li għaddiet in ġudikat u li fiha ma ġiex utilizzat ir-rimedju provdut mil-liġi sabiex tali sentenza tiġi attakkata."*

*Fil-kawża* **Gerada v. Caruana** *msemmija mill-istess sentenza u li ġiet deċiża fl-1973 intqal:*

> *"L-effikaċja ġuridika u soċjali tal-ġudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiż ma tiġix imfixkla u intralċjata billi fi kwalunkwe żmien u bla ebda limiti l-parti li titlef kawża terġa' tqajjem kwistjonijiet rigward tagħha u terġa' tiftaħha."*

*Fil-ftuħ tat-trattat tiegħu dwar dan l-istitut,* **Laurent** *jiċċita awtur ieħor* **Pothier** *li jgħid, 'L-autorita' della cosa giudicata fa presumere vero e giusto tutto cio' che si contiene nella sentenza – res judicata pro veritate accipitur.'*

15. Hekk ukoll kien ġie spjegat fis-sentenza *in parte* mogħtija fl-ismijiet ***Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et***[4], fejn din il-Qorti kif diversement presjeduta żiedet ukoll illi din l-eċċezzjoni għandha tingħata interpretazzjoni strettissima:

> *L-'exceptio rei judicatae' għandha bħala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll għaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li għaddiet 'in giudicato', jiġifieri li ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma bħala tajba u sewwa u tal-ħaqq – 'res judicata pro veritate habetur' – jiġifieri l-fundament ta' l-'actio' u ta' l-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u għalhekk hija 'strictissimae interpretationis'.*

16. Din is-sentenza appena ċitata ġiet ukoll ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Zammit et vs Reverendu Dun Karm Busuttil***[5], fejn din il-Qorti kif diversement presjeduta ikkonfermat il-prinċipji legali suriferiti meta reġgħet għal darb'oħra kkonfermat illi:

> *L-eċċezzjoni ta' res judicata timmira li twaqqaf azzjoni li tkun altrimenti jistħoqqilha li tiġi meqjusa mill-Qorti, għalhekk l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni (**Joseph Camilleri vs Lilian Mallia**, App 05/10/1998).*
>
> *Eċċezzjoni bħal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt iżda hi waħda ta' natura prettament ġuridika. Għalhekk huwa importanti illi l-prinċipji legali involuti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-ġurisprudenza stabbilita in materja iżda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-*

---

[4] Rik Ġur 1792/1991/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Imħ P Sciberras, 28 ta' Marzu 2003. Għalkemm din is-sentenza ġiet appellata fil-mertu (u cioe, mhux dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat), il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Istanza.
[5] Rik Ġur 825/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ M Chetcuti, 8 ta' Jannar 2020 (in ġudikat)

> *każ taħt diskussjoni u tal-portata tas-sentenza preċedenti. (**Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby,** PA 28/03/2003).*

17. Applikat il-premess għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel l-indaġini tagħha dwar dak illi jikkostitwixxi kull wieħed mit-tliet elementi illi jeħtieġ jissussistu sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat, u jekk effettivament jissussistux fil-każ odjern;

A. <u>**L-Istess Partijiet**</u> **(<u>*Eadem Personae*</u>)**

18. Dwar dan l-element, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Debattista et vs Farrugia*** suċitata:

> *Infatti, biex ikun hemm dan ir-rekwiżit* [tal-identita' tal-persuni], *jeħtieġ "che la domanda corra fra le medesime parti, e che sia proposta da esse e contro di esse nella medesima qualita'. La cosa giudicata consistendo in una verita' puramente relativa, si restringe per conseguenza alle persone fra le quali è stato pronunziato il giudicato. Del resto, quanto alla necessita' di identita' delle parti, dessa deriva, come è evidente, dalla essenza intima del concetto di giustizia, per cui è domandato che non si possa condanare, e per riflesso non si possa portar pregiudizio alle ragioni di una persona, senza che questa sia stata messa nella possibilita' di potersi difendere – 'ne inauditus condemnetur'" (Digesto Italiano, Vol. VIII, Parte I, Cosa Giudicata (Civile), para. 58).*

19. Hekk jirriżulta illi sabiex jiġi sodisfatt dan ir-rekwiżit, jeħtieġ illi s-sentenza li tkun għaddiet in ġudikat, kienet bejn l-istess persuni;

20. Huwa fatt illi mhux qiegħed jiġi kontestat minn parti jew minn oħra illi l-kawża in ġudikat miġjuba quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Talba Nru 168/2020 CZ) kienet bejn l-istess partijiet fil-kawża odjerna, u cioe *Josephine Apap vs Kenneth Borg u Frances Xaveria Borg*;

21. Għaldaqstant, dan l-element jidher illi huwa sodisfatt.

**B. L-Istess Oġġett (*Eadem Res*)**

22. F'dak illi jirrigwarda l-oġġett tal-kawża, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited***[6]:

> *Illi l-bażi għal dan ir-rekwiżit hija ċara: sentenza li tikkostitwixxi ġudikat ma tistax timpedixxi talba ġdida milli tiġi proposta quddiem il-Qorti, jekk din hi ntiża sabiex tottjeni xi ħaġa differenti għal dak li kien ipprova jitlob b'talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza preċedentement. Minn dan isegwi li anki jekk l-oġġett ta' talba ġdida hu simili għal ta' deċiżjoni preċedenti, din is-similarita' mhix ostaklu għal talba ġdida għaliex l-effetti ta' sentenza li tkun għaddiet in ġudikat huma limitati għal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u għal dak li jkunu ddeċidew il-Qrati.*
>
> *Illi mill-interpretazzjoni li jagħtu d-diversi awturi ta' kif għandha tiġi determinata l-identita' ta' l-oġġett jidher illi l-aħjar mod hu li teżamina jekk il-kwistjoni mqajma fit-talbiet attriċi ġietx jew le deċiża minn sentenza li tkun għaddiet in ġudikat. Illi għalhekk, wieħed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet ġewx determinati mis-*

[6] Ċit Nru 1209/00, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ R Pace, 9 ta' Jannar 2002 (in ġudikat). Ara wkoll Rik Ġur 57/2018, ***William Portelli vs Peter Paul Portelli et***, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) Sezzjoni Ġenerali, Maġ Dr B Sultana, 22 t'April 2021 (in ġudikat)

*sentenza l-oħra jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun ġiet diskussa u deċiża, allura jkun hemm l-identita' ta' l-oġġett.*

23. Fuq dan il-punt elaborat ukoll din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Anthony Gatt et vs Philip Gatt et***[7]:

*Ingħad ukoll illi għalkemm biex jista' jiġi nvokat il-ġudikat, hemm bżonn l-identita' tal-oġġett, din l-identita' ma hemmx bżonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identita' fuq il-punt kontrovers, jew l-oġġett fit-tieni ċitazzjoni jkun jidħol bħala parti integrali tal-oġġett aktar ampju dedotta fl-ewwel ċitazzjoni (ara: PA – "**Antonio Avela vs Giuseppe Fenech**" – 28 ta' Frar 1946; u Appell Ċivili – "**Eugenio Borg vs Saverio Farrugia**" – 31 ta' Marzu 1952). Dan ifisser li l-attur ma jkunx jista' permezz ta' kawża oħra jiftaħ it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li diġa' ġew diskussi f'kawża deċiża b'sentenza li diġa' tkun għaddiet in ġudikat (ara: "**PL Robeerto Tabone noe vs Joseph Cannataci**" – PA – 6 ta' Marzu 1946).*

24. Fil-każ odjern, jidher ċar illi l-oġġett tal-kawża huwa sabiex din il-Qorti: (a) tiddikjara illi l-ħsara li rriżultat fil-fond proprjeta' tar-rikorrenti hija konsegwenza ta' perkolazzjoni u ingress ta' ilma mill-proprjeta' tal-konvenuti intimati għal ġewwa l-garaxx tar-rikorrenti; (b) tordna lill-intimati sabiex iwettqu x-xogħol rimedjali meħtieġ fil-proprjeta' tagħhom biex tiġi eliminata l-problema ta' perkolazzjoni u ingress t'ilma fil-proprjeta' tar-rikorrenti; (c) tordna lill-intimati sabiex iwettqu xogħol rimedjali sabiex jiġi ripristinat il-garaxx tar-rikorrenti; (d) tordna lill-intimati jħallsu l-ispejjeż peritali illi mhux diġa ġew imħallsa; u (e) tawtorizza lir-rikorrenti tagħmel l-

[7] Rik Ġur 875/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 24 ta' Marzu 2015

istess xogħol hi a spejjeż tal-intimati, fil-każ illi l-intimati ma jwettqux ix-xogħol meħtieġ;

25. Mill-banda l-oħra, it-talba quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar kienet sabiex *"dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma komplessiva ta' elfejn, sitt mija u sitta u sittin Ewro u tmenin ċenteżmu (€2666.80) rappreżentanti likwidazzjoni ta' danni u spejjeż peritali subiti minnha fil-fond proprjeta' tal-attriċi ossia l-garaxx numru 14, Plot 22, Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta, Birkirkara, liema danni ġew kawżati mill-fond tal-konvenuti li jinsab fin-numru 55, Triq Jannara, Birkirkara u dan skond rapport peritali redatt mill-Perit Theresa-Anne Camilleri u datat 14 ta' Ġunju 2019"*[8];

26. Din il-Qorti hija tal-fehma illi ħarsa lejn it-talbiet biss ukoll turi illi l-oġġett tal-kawża odjerna m'huwiex l-istess bħal dak tat-talba mressqa quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Filwaqt illi t-talba quddiem it-Tribunal kienet għall-ħlas ta' danni u spejjeż peritali f'ammont illi kien ġie likwidat mir-rikorrenti stess, fil-każ odjern ir-rikorrenti qed tmur pass oltre minn hekk, billi qed titlob lil din il-Qorti tiddetermina b'mod definittiv illi l-ħsara qed tiġi kkawżata minn problemi fil-fond tal-intimati, u tordna illi jsir ix-xogħol rimedjali kollu;

27. Kien it-Tribunal stess, illi fis-sentenza tiegħu[9], għamilha ċara:

> *Illi kwantu għas-somma li talbet l-attriċi, it-Tribunal ġia indika iktar 'il fuq li parti mis-somma li ġiet mitluba hija għall-ispejjeż li jeħtiġilha tagħmel l-attriċi sabiex issewwi l-ħsara, u l-parti l-oħra hija għax-xogħlijiet li jeħtieġ isiru mill-konvenuti sabiex jirrimedjaw id-difetti fir-rampa. Għat-Tribunal, it-tieni parti tat-talba ma jisħoqqx li tintlaqa' għaliex dawn huma xogħlijiet li l-konvenuti jridu*

---

[8] Vide p 1-2 tas-sentenza annessa mar-rikors promotur bħala **Dok H** a fol 39-40 tal-proċess

[9] Vide p 5-6 tas-sentenza annessa mar-rikors promotur bħala **Dok H** a fol 43-44 tal-proċess (Emfasi miżjuda minn din il-Qorti)

*jagħmlu fil-proprjeta' tagħhom stess.* ***It-Tribunal m'għandux il-kompetenza jordna lill-konvenuti jagħmlu x-xogħlijiet huma, u lanqas għandu l-kompetenza jawtorizza lill-attriċi tagħmel ix-xogħol hi fil-każ li ma jagħmluhx il-konvenuti. Ladarba t-Tribunal ma jistax jordna lill-konvenuti sabiex jagħmlu x-xogħol jew jawtorizza lill-attriċi tagħmel ix-xogħol hi, ma jistax minn qabel iġiegħel lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż ta' xogħlijiet li jeħtieġ isiru fil-fond tagħhom, iżda jista' biss jilqa' dik il-parti tat-talba fejn l-attriċi talbet li titħallas għax-xogħlijiet ta' tiswija li jeħtiġilha tagħmel fil-garage.***

28. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu a bażi tal-fatt illi l-opinjoni teknika tal-Perit tar-rikorrenti ma kinitx ġiet kontradetta b'mod konvinċenti mill-konvenuti, bħalma lanqas ġew kontestati r-ritratti esebiti mill-konvenuti. L-intimati ġew konsegwentement ordnati jħallsu s-somma globali ta' tmien mija u sitt Ewro u tmenin ċenteżmu (€806.80), illi minnhom ħames mitt Ewro (€500) kienu jikkonsistu fi spejjeż illi saru mir-rikorrenti f'xogħlijiet rimedjali fil-proprjeta' tagħha, filwaqt illi r-rimanenti tliet mija u sitt Ewro u tmenin ċenteżmu (€306.80) kienu jirrappreżentaw spejjeż tar-Rapport tal-Perit tar-rikorrenti;

29. Dan ifisser illi saħansita t-Tribunal stess għaraf illi dak illi kienet qed titlob ir-rikorrenti kien imur oltre l-kompetenza tiegħu, konsiderazzjoni illi din il-Qorti taqbel magħha pienament. Minn dan isegwi illi l-oġġett tal-kawża żgur illi m'huwiex l-istess, stante illi t-Tribunal ċaħad talbiet illi setgħu jidħlu fuq il-kompetenza ta' din il-Qorti, b'dana illi hija din il-Qorti illi għandha tagħmel il-konsiderazzjonijiet f'dan ir-rigward;

30. Mill-banda l-oħra, il-Qorti rat illi t-Tribunal kien ordna illi l-intimati jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tmien mija u sitt Ewro u tmenin ċenteżmu (€806.80), liema somma tinkludi spejjeż għal xogħlijiet rimedjali illi kienu saru mir-rikorrenti fil-proprjeta' tagħha stess. Madanakollu, din il-Qorti tifhem illi

qabel ma jiġi determinat jekk il-ħsara fil-garaxx tar-rikorrenti hijiex qed tiġi kkawżata minn ħsara fil-proprjeta' tal-intimati, u, jekk inhu hekk il-każ, isir ix-xogħol rimedjali kollu meħtieġ, il-vertenzi bejn il-partijiet mhumiex ser jissolvew. Se mai, din il-Qorti tistenna illi jekk tħallset xi somma mill-intimati lir-rikorrenti kif ordnat mit-Tribunal, ikunu l-intimati stess illi jġibu prova ta' dan sabiex jiġu kkonsidrati minn din il-Qorti. Madanakollu, il-fatt biss illi tħallas dan l-ammont mill-intimati ma jfissirx illi l-oġġett tal-kawża odjerna ġie eżawrit fil-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar: anzi, ġie senjalat b'mod ċar mit-Tribunal stess illi l-oġġett tal-kawża ma setax jiġi eżawrit bil-proċeduri miġjuba quddiemu, stante illi kienu jmorru oltre l-kompetenza tiegħu;

31. Din il-Qorti għalhekk tqis illi ma jirriżultax sodisfatt it-tieni element tal-eċċezzjoni tal-ġudikat.

### C. **L-Istess Kawżali** (***Eadem Causa Petendi***)

32. Tenut kont illi ġia ġie osservat illi wieħed mill-elementi sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat huwa nieqes, din il-Qorti sejra tastjeni milli tkompli tagħmel l-indaġini tagħha dwar it-tielet element, u dan stante illi, hekk kif senjalat aktar 'il fuq, in-nuqqas ta' element wieħed mit-tlieta awtomatikament ifisser illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma tistax tirnexxi.

### Decide

33. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati, u għalhekk

(ii) **Tordna** l-prosegwiment tal-kawża odjerna bil-provi fil-mertu.

Bl-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**